**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' MARZU, 2002

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 199/02 JB**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**Spiridione u Maria Mercieca**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm118.00c (mija u tmintax-il lira Maltin) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika provduti lil Maria Mercieca fuq ordnijiet taghha stess u dan skond l-istatement of Account iddatat 16 ta' Frar, 2001 hawn anness bhala Dok A;

Illi l-ammont fuq imsemmi kien thallas permezz ta' cheque tal-Mid-Med Bank Ltd., No. 124, iddatat 16 ta' Frar, 2001 u iffirmat

mis-Sur Spiridione Mercieca, li izda kien gie ritornat lura mis-socjeta attrici bil-kumment 'refer to drawer', kopja ta' liema cheque hija hawn anessa bhala Dok. B;

Il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu ghas-servizzi fuq imsemmija u xorta baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 14 ta' Novembru. 2001 (hawn annessa bhala Dok. C) u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema lil Dr. Edmond Zammit Laferla jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu is-somma ta' Lm118.00c (mija u tmintax-il lira Maltin) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika provduti lil Maria Mercieca fuq ordnijiet taghha stess fis- 16 ta' Frar 2001, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**